

Brussell, 19 ta' Settembru 2023
(OR. en)

12991/23

**Fajl Interistituzzjonali:
2023/0331(NLE)**

**ASILE 85
JAI 1172
MIGR 281
FRONT 278
COEST 512
SOC 617**

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	19 ta' Settembru 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2023) 546 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li testendi l-protezzjoni temporanja kif introdotta bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/382

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2023) 546 final.

Mehmuż: COM(2023) 546 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 19.9.2023
COM(2023) 546 final

2023/0331 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

**li testendi l-protezzjoni temporanja kif introdotta bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni
(UE) 2022/382**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Matul l-ewwel ġimgħat tal-invażjoni Russa fuq skala sħiħa tal-Ukrajna, ġew irreġistrati quċċati ta' madwar 200 000 dħul fl-Unjoni kuljum. Minħabba l-iskala u l-intensità tal-influss bil-massa, il-Kummissjoni pproponiet lill-Kunsill biex jiskatta d-Direttiva tal-Kunsill 2001/55/KE tal-20 ta' Lulju 2001 ("id-Direttiva dwar il-Protezzjoni Temporanja"), billi tikkunsidraha l-aktar strument xieraq tal-UE biex twieġeb għal dik is-sitwazzjoni, peress li jipprovi livell adegwat ta' protezzjoni lill-persuni kkonċernati filwaqt li jiżgura li s-sistemi tal-ażil tal-Istati Membri ma jkunux mgħobbija żżejjed bl-għadd sinifikanti ta' persuni li qed jaħarbu mill-gwerra fl-Ukrajna.

Fl-4 ta' Marzu 2022, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2022/382¹ u attiva d-Direttiva dwar il-Protezzjoni Temporanja għal ċerti kategoriji² ta' persuni spostati fl-24 ta' Frar 2022 jew wara, b'riżultat tal-invażjoni militari mill-forzi armati Russi li bdiet f'dik id-data. Skont l-Artikolu 4(1) tad-Direttiva dwar il-Protezzjoni Temporanja, it-tul inizjali tal-protezzjoni temporanja huwa ta' sena, li jista' jiġi estiż awtomatikament b'perjodi ta' sitt xhur għal massimu ta' sena. Il-protezzjoni temporanja ġiet estiża awtomatikament b'sena u bħalissa hija fis-seħħ sat-3 ta' Marzu 2024.

L-objettiv ta' din il-proposta huwa li testendi l-protezzjoni temporanja kif introdotta mid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2022/382 b'perjodu ulterjuri ta' sena. Dan se jkollu l-effett li jkompli l-protezzjoni temporanja fir-rigward tal-kategoriji ta' persuni identifikati fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2022/382, għall-perjodu mill-4 ta' Marzu 2024 sat-3 ta' Marzu 2025³.

L-għan tad-Direttiva dwar il-Protezzjoni Temporanja huwa li tistabbilixxi standards minimi għall-għoti ta' protezzjoni temporanja fil-każ ta' influż bil-massa ta' persuni spostati minn pajjiżi terzi li ma jkunux jistgħu jirritornaw lejn il-pajjiż ta' oriġini tagħhom u li tippromwovi bilanċ tal-isforz bejn l-Istati Membri meta jirċievu u jgħorru l-konsegwenzi meta jirċievu tali persuni. L-attivazzjoni tad-Direttiva dwar il-Protezzjoni Temporanja ppermettiet lill-persuni spostati li qed jaħarbu mill-invażjoni Russa tal-Ukrajna jgawdu minn sett ta' drittijiet armonizzati madwar l-Unjoni, inklużi d-drittijiet ta' residenza, il-possibbiltà li jinvolvu ruħhom f'attivitajiet ta' impjegati jew ta' persuni li jaħdmu għal rashom, l-aċċess għal akkomodazzjoni xierqa, l-aċċess għall-edukazzjoni għal persuni taħt it-18-il sena, l-assistenza soċjali meħtieġa, l-assistenza medika jew assistenza oħra, u l-mezzi ta' sussistenza, u l-kustodja legali għal minorenni mhux akkumpanjati.

¹ [Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill \(UE\) 2022/382 tal-4 ta' Marzu 2022 li tistabbilixxi l-eżistenza ta' influż bil-massa ta' persuni spostati mill-Ukrajna skont it-tifsira tal-Artikolu 5 tad-Direttiva 2001/55/KE, u li għandha l-effett li tintroduċi protezzjoni temporanja](#)

² L-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2022/382 jipprevedi li l-protezzjoni temporanja tapplika għal (a) nazzjonali Ukreni residenti fl-Ukrajna qabel l-24 ta' Frar 2022; (b) persuni apolidi, u nazzjonali ta' pajjiżi terzi għajr l-Ukrajna, li bbenefikaw minn protezzjoni internazzjonali jew protezzjoni nazzjonali ekwivalenti fl-Ukrajna qabel l-24 ta' Frar 2022; nazzjonali u, (c) membri tal-familja tal-persuni msemmija fil-punti (a) u (b). L-Istati Membri għandhom japplikaw jew din id-Deċiżjoni jew protezzjoni adegwata taħt id-dritt nazzjonali tagħhom, fir-rigward ta' persuni apolidi, u nazzjonali ta' pajjiżi terzi għajr l-Ukrajna, li jistgħu jippruvaw li kienu legalment residenti fl-Ukrajna qabel l-24 ta' Frar 2022 abbażi ta' permess ta' residenza permanenti validu maħruġ f'konformità mad-dritt tal-Ukrajna, u li ma jistgħux jirritornaw f'kundizzjonijiet sikuri u dejjiema lejn il-pajjiż jew ir-reġjun ta' oriġini tagħhom.

³ ĠU L 71, 4.3.2022, p. 1.

Din isservi wkoll l-iskop importanti li ttaffi r-riskju li s-sistemi tal-ażil ma jkunux jistgħu jipproċessaw l-influss mingħajr effetti negattivi għall-operat effiċjenti tagħhom. L-aċċess immedjat għad-drittijiet mogħtija taħt protezzjoni temporanja ppermetta lill-Istati Membri jnaqqsu l-formalitajiet għal minimu, li ppermettielhom jirrispondu aktar malajr għall-urġenza tas-sitwazzjoni. Is-solidarjetà kienet il-karatteristika li tiddefinixxi r-rispons tal-UE għall-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna u xhieda tal-unità tal-Unjoni. B'mod partikolari, l-Istati Membri ddikjaraw ir-rieda tagħhom li jirrinunzjaw għall-applikazzjoni tal-Artikolu 11 tad-Direttiva dwar il-Protezzjoni Temporanja, u b'hekk jiffaċilitaw il-possibbiltà għall-persuni li jgawdu minn protezzjoni temporanja fi Stat Membru wieħed li jiċċaqilqu lejn Stati Membri oħra biex igawdu minn protezzjoni temporanja hemmhekk.

Immedjatament wara l-attivazzjoni tad-Direttiva dwar il-Protezzjoni Temporanja, kien essenzjali li tiġi stabbilita Pjattaforma *ad hoc* li tippermetti lill-Istati Membri jikkondividu informazzjoni dwar il-persuni rreġistrati bħala benefiċjarji ta' protezzjoni temporanja f'konformità mal-Artikoli 10 u 27 tad-Direttiva. Il-Kummissjoni żviluppat il-Pjattaforma ta' Reġistrazzjoni tal-Protezzjoni Temporanja f'sitt ġimgħat biss u ilha operattiva mill-31 ta' Mejju 2022. L-għan tal-Pjattaforma huwa li tippermetti lill-partijiet jiskambjaw informazzjoni biex jiżguraw li l-persuni li jgawdu minn protezzjoni temporanja jew protezzjoni adegwata skont id-dritt nazzjonali jkun jistgħu jibbenefikaw b'mod effettiv mid-drittijiet tagħhom fl-Istati Membri kollha filwaqt li jiġi limitat l-abbuż possibbli, b'mod partikolari billi l-Istati Membri jkun jistgħu jidentifikaw reġistrazzjonijiet doppji. Il-Pjattaforma se tkompli twettaq l-operazzjonijiet tagħha sakemm il-protezzjoni temporanja tkun fis-seħħ u ma tkun meħtieġa l-ebda emenda għall-funzjonament tagħha skont din il-proposta għall-estensjoni tal-protezzjoni temporanja.

Mill-bidu tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja, meta mqabbla mal-4,1 miljun reġistrazzjoni għall-protezzjoni temporanja ta' persuni spostati li qed jaħarbu mill-Ukrajna, ġew ippreżentati biss madwar 39 560 applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali minn ċittadini Ukreni fl-Istati Membri tal-UE, fin-Norveġja u fl-Iżvizzera, bil-maġġoranza tagħhom matul l-ewwel ffit ġimgħat wara l-invażjoni Russa fuq skala sħiħa tal-Ukrajna minn estimu inizjali li bejn 1,2 u 3,2 miljun persuna potenzjalment jagħmlu dan. L-għadd limitat ta' applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali juri li l-protezzjoni temporanja laħqet l-għan tagħha, inkluż il-prevenzjoni li s-sistemi tal-ażil tal-Istati Membri ma jkunux mgħobbija żżejjed.

Skont l-Artikolu 4(2) tad-Direttiva dwar il-Protezzjoni Temporanja, il-Kunsill, fuq proposta mill-Kummissjoni, jista' jestendi l-protezzjoni temporanja sa sena, meta jippersistu raġunijiet għal protezzjoni temporanja. Fil-Komunikazzjoni tagħha dwar sena ta' protezzjoni temporanja, il-Kummissjoni ħabbret li kienet lesta tagħmel proposta għal estensjoni jekk ikun meħtieġ⁴.

Illum, madwar 4,1 miljun persuna spostati mill-Ukrajna, inkluż kważi wieħed minn kull ħamest itfal Ukreni, igawdu minn protezzjoni temporanja fl-UE, bil-Ġermanja, il-Polonja u ċ-Ċekja jkun l-pajjiżi li jospitaw l-ogħla għadd ta' persuni spostati (madwar miljun kemm fil-Ġermanja kif ukoll fil-Polonja, aktar minn nofs miljun fiċ-Ċekja). Mill-attivazzjoni tad-Direttiva dwar il-Protezzjoni Temporanja, l-Istati Membri, b'mod partikolari dawk l-aktar affettwati mill-ispostament tal-massa ta' persuni, komplew juru livell għoli ta' solidarjetà, mhux biss billi jospitaw lin-nies, iżda wkoll billi għamlu sforzi konkreti biex jiffaċilitaw l-inklużjoni tagħhom fis-soċjetà ospitanti u billi jappoġġawhom lejn l-awtodipendenza. Dawn

⁴ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, Protezzjoni temporanja lill-persuni li qed jaħarbu l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna: sena wara, COM (2023) 140 final, 8.3.2023.

il-persuni ma jistgħux jirritornaw lejn l-Ukrajna, peress li s-sitwazzjoni fil-pajjiż għadha ma twassalx biex jiġi żgurat li jkunu jistgħu jirritornaw f'kundizzjonijiet sikuri u dejjiema.

Fil-fatt, l-organizzazzjoni Internazzjonali għall-Migrazzjoni (International Organization for Migration, IOM) tistma li, mill-25 ta' Mejju 2023, 5,1 miljun persuna huma spostati internament fl-Ukrajna⁵. Aktar minn nofs il-persuni spostati internament kollha rrapportaw li ġew spostati għal sena jew aktar. Il-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Refuġjati jistma li, minn Ġunju 2023, l-istess għadd ta' persuni spostati fl-Ukrajna u li aktar minn 17-il miljun persuna fil-pajjiż jeħtieġu assistenza umanitarja urġenti⁶. F'Ġunju 2023, fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-pajjiż f'dak iż-żmien, il-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Refuġjati tenna l-pożizzjoni tiegħu⁷ dwar ir-ritorn lejn l-Ukrajna espressa f'Marzu 2022, li appellat lill-Istati biex ma jirritornawx bil-forza nazzjonali u eks residenti abitwali tal-Ukrajna, inklużi dawk li kellhom it-talbiet tagħhom għall-ażil miċħuda.

Barra minn hekk, l-għadd ta' reġistrazzjonijiet ta' kull ġimgħa f'konformità mal-Artikolu 10 tad-Direttiva tal-Kunsill 2011/55/KE fir-rigward ta' persuni li qed jibbenefikaw minn protezzjoni temporanja naqas wara l-ewwel xhur tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja minn 60 000 reġistrazzjoni ta' kull ġimgħa f'Ġunju 2022 għal madwar 20 000 reġistrazzjoni ġdida bħala medja fil-ġimgħa f'Marzu 2023, u kompli jonqos b'mod kostanti. Għaldaqstant, l-għadd kumplessiv ta' reġistrazzjonijiet ta' persuni li jibbenefikaw minn protezzjoni temporanja baqa stabbli madwar 4,1 miljun, bi ftit persuni jirrapportaw li marru lura lejn l-Ukrajna fuq bażi permanenti. L-iżviluppi jindikaw li s-sitwazzjoni fl-Ukrajna għadha volatili fit-territorju Ukren kollu bħala riżultat tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja. F'ħafna żoni għadhom għaddejjin ġlied qawwi u attakki kontra ċ-ċivili u l-infrastruttura u għad hemm riskju ta' eskalazzjoni. Dan, flimkien mas-sitwazzjoni umanitarja diffiċli fl-Ukrajna, jista' jwassal, barra minn hekk, għal żieda f'daqqa u ulterjuri fil-wasliet fl-Unjoni li jistgħu jilhqqu l-livell ta' influż bil-massa.

L-inċertezza u l-volatilità kurrenti fl-Ukrajna juru li ma hemm l-ebda soluzzjoni possibbli għal dawk il-benefiċjarji ta' protezzjoni temporanja preżenti bħalissa fl-Istati Membri tal-UE. Dawn il-persuni għad għandhom bżonn jiġu protetti fl-Unjoni. Bl-istess mod, ir-riskju għall-operat effiċjenti tas-sistemi nazzjonali tal-ażil jibqa' li kieku l-protezzjoni temporanja tieqaf dalwaqt u dawn il-persuni kollha jitolbu protezzjoni internazzjonali f'daqqa.

Minħabba l-kunsiderazzjonijiet ta' hawn fuq, il-Kummissjoni tqis li r-raġunijiet għall-protezzjoni temporanja jippersistu u li għalhekk jenħtieġ li l-protezzjoni temporanja tiġi estiża bħala rispons meħtieġ u xieraq għas-sitwazzjoni kurrenti. L-estensjoni jenħtieġ li tiġi adottata malajr kemm jista' jkun u għal sena oħra, jiġifieri għall-perjodu mill-4 ta' Marzu 2024 sat-3 ta' Marzu 2025, f'konformità mal-Artikolu 4(2) tad-Direttiva dwar il-Protezzjoni Temporanja. Dan biex jiġi żgurat li l-persuni spostati mill-Ukrajna u ospitati fl-Istati Membri tal-UE jingħataw kemm jista' jkun stabbiltà u prospetti fiċ-ċirkostanzi kurrenti. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jingħataw il-possibbiltà li jwettqu fil-ħin il-passi amministrattivi u legali meħtieġa (bħat-tiġdid tal-permessi ta' residenza) biex iħejju għall-estensjoni tal-protezzjoni temporanja. Iċ-ċarezza u ċ-ċertezza huma meħtieġa wkoll biex l-awtoritajiet tal-Istati Membri jipplanaw b'mod effettiv u jipprovd u protezzjoni temporanja.

- **Konsistenza ma' dispożizzjonijiet ta' politika eżistenti fil-qasam ta' politika**

Din il-proposta hija kompletament konsistenti mal-*acquis* tal-UE dwar l-ażil peress li d-Direttiva dwar il-Protezzjoni Temporanja tiffirma parti integrali mis-Sistema Ewropea

⁵ [Ir-Rapport dwar l-Ispostament Intern fl-Ukrajna, sħarriġ tal-popolazzjoni ġenerali, Ġunju 2023](#)

⁶ [Ukraine emergency | UNHCR](#)

⁷ [Il-pożizzjoni tal-UNHCR dwar ir-ritorn volontarju lejn l-Ukrajna, Ġunju 2023](#)

Komuni tal-Ażil u kienet prevista li tħabbat wiċċha ma' sitwazzjoni straordinarja ta' influż bil-massa ta' persuni spostati kif inhu l-każ bħalissa minħabba l-invażjoni fuq skala sħiħa tal-Ukrajna mir-Russja. Hija wkoll kompletament konsistenti mal-għan tal-Unjoni Ewropea li tistabbilixxi spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja miftuħ għal dawġ li, imġiegħla miċ-ċirkustanzi, ifittxu protezzjoni fl-Unjoni Ewropea b'mod leġittimu.

L-elementi tal-proposta huma konsistenti wkoll mal-Patt Ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil ta' Settembru 2020 u mal-proposti leġiżlattivi li jakkumpanjawh. Id-Direttiva dwar il-Protezzjoni Temporanja wriet li hija strument essenzjali biex tiġi pprovduta protezzjoni immedjata fl-UE u f'dan l-istadju tkompli tkun l-aktar strument xieraq biex jiġi indirizzat l-ispostament ikkawżat mill-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna. Minn naħa waħda, dan jippermetti li s-sistemi tal-ażil tal-Istati Membri ma jkunux mgħobbija żżejjed mill-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali u, min-naħa l-oħra, jipprevedi sett armonizzat ta' drittijiet għall-persuni spostati madwar l-Unjoni li jiżgura protezzjoni adegwata. Barra minn hekk, l-acquis kurrenti dwar il-migrazzjoni legali jeskludi l-benefiċjarji ta' protezzjoni temporanja mill-kamp ta' applikazzjoni tiegħu. Fil-Komunikazzjoni tagħha dwar sena ta' protezzjoni temporanja⁸, il-Kummissjoni qieset li d-Direttiva dwar il-Protezzjoni Temporanja jenħtieġ li tibqa' parti mis-sett ta' għodod disponibbli għall-Unjoni Ewropea fil-futur.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Din il-proposta hija kompletament konsistenti mal-ħtieġa li l-Istati Membri jitħallew jipproċessaw applikazzjonijiet potenzjali għall-protezzjoni internazzjonali b'mod ordnat mingħajr ma jegħlbu s-sistemi tal-ażil tagħhom u li jkomplu jipprevedu l-miżuri meħtieġa f'każ ta' influż bil-massa ta' persuni spostati mill-Ukrajna li jevitaw li s-sistemi tal-ażil tal-Istati Membri jinqabdu fuq sieq waħda. Hija konsistenti wkoll mal-azzjonijiet esterni tal-Unjoni. Din il-proposta hija konsistenti wkoll mal-miżuri restrittivi tal-UE u azzjonijiet oħra. Din il-proposta hija parti minn sett komprensiv ta' azzjonijiet tal-UE li jirrispondu għall-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna.

2. **BAŻI LEGALI, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ**

- **Bażi legali**

Il-bażi legali għall-proposta hija l-Artikolu 4(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 2001/55/KE tal-20 ta' Lulju 2001 dwar l-istandards minimi sabiex tingħata protezzjoni temporanja fl-eventwalità ta' influż bil-massa ta' persuni spostati, fid-dawl li r-raġunijiet għall-protezzjoni temporanja jippersistu. Dan jippermetti miżuri li jipromwovu bilanċ fl-isforzi bejn l-Istati Membri meta jirċievu dawn il-persuni u jgħorru l-konsegwenzi ta' dan.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

It-Titolu V tat-TFUE dwar l-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja jagħti ċerti setgħat lill-Unjoni Ewropea f'dawn il-kwistjonijiet. Dawn is-setgħat iridu jitħaddmu f'konformità mal-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, jiġifieri jekk u sa fejn l-oġettivi tal-azzjoni proposta ma jkunux jistgħu jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri weħedhom u għaldaqstant, minħabba l-iskala jew l-effetti tal-azzjoni proposta, ikunu jistgħu jintlaħqu aħjar mill-Unjoni Ewropea.

⁸ [IL-KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL, Protezzjoni temporanja lill-persuni li qed jaħarbu l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna:sena wara](#)

Is-sitwazzjoni fl-Ukrajna bħala riżultat tal-gwerra ta' aggressjoni Russa għandha impatt fuq l-UE kollha kemm hi. Dan intlaqa' b'rispons mingħajr preċedent u unifikat mill-Unjoni Ewropea. Dan juri li għadha teħtieġ soluzzjonijiet tal-UE u appoġġ mill-UE kif ukoll koordinazzjoni b'saħħitha fil-livell tal-UE, peress li hemm ħtieġa kontinwa li l-Istati Membri kollha jirrispondu b'mod effettiv għas-sitwazzjoni flimkien u jiżguraw li l-istess standards u sett armonizzat ta' drittijiet jiġu applikati madwar l-Unjoni għall-4,1 miljun persuna li bħalissa huma ospitati fl-Unjoni u fil-każ ta' influż (tal-massa) ġdid ta' persuni spostati minħabba l-volatilità li għaddejja bħalissa. Huwa ċar li l-azzjonijiet ta' Stati Membri individwali ma jistgħux jirrispondu b'mod sodisfaċenti għall-ħtieġa ta' approċċ komuni tal-UE għal dak li b'mod ċar jikkostitwixxi problema komuni għall-UE kollha.

Approċċ komuni bħal dan ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri individwalment u jista', minħabba l-iskala u l-effetti ta' din id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill proposta, jinkiseb u jiġi kkoordinat aħjar fil-livell tal-Unjoni, kif indikat ukoll mill-Istati Membri nfushom. Għaldaqstant, l-Unjoni trid tagħxi u tadotta miżuri f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

- **Proporzjonalità**

F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit fl-Artikolu 5(4) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill proposta tipprevedi estensjoni tal-protezzjoni temporanja għall-perjodu limitat ta' żmien, jiġifieri għal sena għall-grupp speċifiku ta' persuni li għalihom diġà tapplika.

Il-miżura proposta hija limitata għal dak li huwa meħtieġ minħabba l-iskala u l-gravità tas-sitwazzjoni fl-Ukrajna, li b'riżultat tagħha, madwar 4,1 miljun persuna spostati li bħalissa huma preżenti fl-Istati Membri tal-UE ma jistgħux jirritornaw lejn l-Ukrajna f'kundizzjonijiet sikuri u dejjiema. Barra minn hekk, din l-estensjoni tikkostitwixxi wkoll rispons proporzjonat fid-dawl tas-sitwazzjoni kurrenti, peress li l-protezzjoni temporanja żgurat li s-sistema tal-ażil tal-Istati Membri ma kinitx mgħobbija żżejjed minn għadd sinifikanti ta' persuni li qed jaħarbu lejn l-Istati Membri tal-UE.

- **Għażla tal-istrument**

L-Artikolu 4(2) tad-Direttiva dwar il-Protezzjoni Temporanja jirrikjedi Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill biex il-protezzjoni temporanja tiġi estiża sa sena meta jippersistu raġunijiet għal protezzjoni temporanja.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Tfassil tal-politika bbażat fuq l-evidenza**

Immedjatament wara l-attivazzjoni tad-Direttiva dwar il-Protezzjoni Temporanja, il-Kummissjoni stabbiliet in-Network tal-Blueprint tal-UE dwar it-Tħejjija għall-Migrazzjoni u l-Ġestjoni tal-Kriżijiet Migratorji b'enfasi fuq l-Ukrajna, li qed jipprovdi għarfien komuni tas-sitwazzjoni tal-implikazzjonijiet migratorji tal-invażjoni Russa fuq skala sħiħa tal-Ukrajna u tat-tħejjija tal-UE u tal-Istati Membri. Barra minn hekk, il-Pjattaforma ta' Solidarjetà tal-Ukrajna tiżgura rispons ikkoordinat għall-kriżi u tipprovdi qafas, fost l-oħrajn, għal skambji regolari u biex tiżdied it-tħejjija ġenerali fil-livell tal-UE. Fiż-żewġ fora nġabru informazzjoni u *data* dwar is-sitwazzjoni kurrenti u dwar il-movimenti tan-nies. Barra minn hekk, il-Pjattaforma ta' Reġistrazzjoni tal-Protezzjoni Temporanja ppermettiet lill-Istati Membri parteċipanti jiskambjaw informazzjoni dwar il-benefiċjarji ta' protezzjoni temporanja u ta'

protezzjoni adegwata disponibbli skont id-dritt nazzjonali, filwaqt li jidentifikaw reġistrazzjonijiet doppji fl-istess Stat Membru u madwar l-Istati Membri tal-UE.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni Ewropea, istituzzjonijiet oħra bħall-Bank Dinji u n-Nazzjonijiet Uniti, kif ukoll il-Gvern tal-Ukrajna qed jivvalutaw regolarment is-sitwazzjoni fl-Ukrajna. Il-Bank Dinji jippubblika rapporti dwar il-Valutazzjoni Rapida tal-Ħsara u tal-Ħtiġijiet tal-Ukrajna⁹.

Minn mindu faqqgħet il-gwerra, l-IOM ħadmet biex tipprovdi fehim aħjar tas-sitwazzjoni tal-persuni spostati u biex issegwi l-ispostament intern fl-Ukrajna u l-flussi tal-mobbiltà, minbarra l-monitoraġġ permezz ta' sħarriġiet tal-intenzjonijiet ta' dawk li qed jaħarbu mill-gwerra u ta' dawk li jaqsmu l-fruntiera lura lejn l-Ukrajna. L-UNHCR ilu jippubblika regolarment informazzjoni dwar l-intenzjonijiet u l-perspettivi ta' persuni spostati (anke internament) mill-Ukrajna. Sħarriġ u dokumenti mill-organizzazzjonijiet internazzjonali msemmija hawn fuq jindikaw li s-sitwazzjoni kurrenti għadha volatili u inċerta, u għalhekk ma tippermettix ir-ritorn f'kundizzjonijiet sikuri u dejjiema. L-estimu tal-persuni li jfittxu protezzjoni pprovduta fiż-żmien tal-attivazzjoni tad-Direttiva dwar il-Protezzjoni Temporanja (Marzu 2022) indika li nofs il-persuni spostati x'aktarx li jiġu assorbiti min-networks tad-dijaspora eżistenti sinifikanti madwar l-UE, prinċipalment iżda mhux biss fil-pajjiżi ta' destinazzjoni "tradizzjonali" (il-Polonja, ir-Repubblika Ċeka, il-Ġermanja, l-Italja u Spanja). Ir-reġistrazzjonijiet għall-protezzjoni temporanja rreġistrati s'issa jindikaw li dan l-estimu kien ikkonfermat. Fl-aħħar tal-2022, kważi nofs il-benefiċjarji totali kurrenti ta' protezzjoni temporanja (3,8 miljuni) kienu ospitati fil-Ġermanja u fil-Polonja, segwiti miċ-Ċekja, mill-Italja, u minn Spanja. Minn Ġunju 2023, l-UNHCR jistma li 6,3 miljun persuna li qed jaħarbu mill-Ukrajna huma rreġistrati madwar id-dinja¹⁰.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati u l-ġbir u l-użu tal-għarfien espert**

Permezz tan-Network tat-Thejjiġa għall-Migrazzjoni u għall-Ġestjoni tal-Kriżijiet tal-Migrazzjoni u l-awtoritajiet tal-Pjattaforma ta' Solidarjetà tal-Istati Membri, is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, u l-Aġenziji rilevanti tal-UE, il-Kummissjoni kkonsultat regolarment mal-awtoritajiet Ukreni u mal-organizzazzjonijiet internazzjonali, biex tiġbor informazzjoni bbażata fuq l-evidenza, filwaqt li żżomm skambji ma' organizzazzjonijiet mhux governattivi u tas-soċjetà ċivili.

Il-Kummissjoni kellha diskussjonijiet speċifiċi dwar l-estensjoni tal-protezzjoni temporanja fil-Pjattaforma ta' Solidarjetà. F'dan il-forum u fir-Rispons Politiku Integrat f'Sitwazzjonijiet ta' Kriżi (Integrated Political Crisis Response, IPCR), l-Istati Membri esprimew b'mod unanimu l-ħtieġa li l-protezzjoni temporanja tiġi estiża għal sena addizzjonali biex jinżamm rispons Ewropew komuni, tiġi pprovduta ċarezza lill-benefiċjarji u l-Istati Membri jkunu jistgħu jieħdu l-passi amministrattivi u legali meħtieġa fil-livell nazzjonali (bħat-tiġdid tal-permessi ta' residenza). B'mod parallel, saru kuntatti regolari mal-awtoritajiet Ukreni biex tinġabar informazzjoni dwar is-sitwazzjoni fuq il-post. L-Istati Membri ġew ikkonsultati fil-Kumitat Strateġiku dwar l-Immigrazzjoni, il-Fruntieri u l-Ażil (Strategic Committee on Immigration, Frontiers and Asylum, SCIFA) f'Lulju 2023, fejn enfasizzaw il-ħtieġa li tittawwal il-protezzjoni temporanja. Barra minn hekk, f'konformità mal-Artikolu 3 tad-Direttiva dwar il-Protezzjoni Temporanja, il-Kummissjoni kkonsultat speċifikament lill-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Refuġjati, li qed jivvaluta s-sitwazzjoni u pprovdha kontribut rilevanti, u wettaq sħarriġiet dwar l-intenzjonijiet tal-persuni spostati. L-

⁹ [Ukraine Rapid Damage and Needs Assessment, February 2022 - February 2023](#)

¹⁰ [Ukraine emergency | UNHCR](#)

UNHCR reċentement ippubblika dokument ta' pożizzjoni li jenfasizza li r-ritorni mhux volontarji lejn l-Ukrajna ma għandhomx jitwettqu. F'Mejju 2023, 59 organizzazzjoni tas-soċjetà ċivili, immexxija mill-Kunsill Ewropew għar-Refuġjati u l-Eżiljati (European Council for Refugees and Exiles, ECRE) ippubblikaw dikjarazzjoni konġunta biex jistiednu lill-Kummissjoni Ewropea tħejji proposta għal Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill dwar l-estensjoni tal-protezzjoni temporanja sa Marzu 2025 bħala kwistjoni ta' urġenza.

- **Drittijiet fundamentali**

Din il-proposta tirispetta d-drittijiet fundamentali u tirispetta l-prinċipji rikonoxxuti, b'mod partikolari, mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll l-obbligi li jirriżultaw mid-dritt internazzjonali, inkluż il-Konvenzjoni ta' Ġinevra tat-28 ta' Lulju 1951 dwar l-istatus tar-refuġjati, kif emendata mill-Protokoll ta' New York tal-31 ta' Jannar 1967.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Mill-bidu tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, il-ħtiġijiet ta' finanzjament marbuta mal-applikazzjoni tad-Direttiva dwar il-Protezzjoni Temporanja ġew akkomodati fil-baġit tal-istrumenti ta' finanzjament eżistenti tal-UE fil-perjodu 2014-2020 u 2021-2027, b'mod partikolari taħt il-Politika ta' Koeżjoni.

Minn Marzu 2022, ir-regoli li jirregolaw il-politika ta' koeżjoni ġew riveduti diversi drabi permezz tal-pakkett ta' Azzjoni ta' Koeżjoni għar-Refuġjati fl-Ewropa (Cohesion's Action for Refugees in Europe, CARE) biex l-Istati Membri jkunu jistgħu jallokaw mill-ġdid sa EUR 17-il biljun ta' fondi mhux użati mill-pakkett tal-2014-2020 u jipprovdu likwidità addizzjonali wkoll mill-pakkett il-ġdid tal-2021-2027. Il-pakkett CARE żied il-flessibbiltà tar-regoli eżistenti; huwa pprova EUR 13,6-il biljun ta' likwidità addizzjonali għall-finanzjament ta' ħtiġijiet urġenti u rrapportar simplifikat għall-awtoritajiet maniġerjali. Taħt il-Fondi għall-Affarijiet Interni, f'Marzu 2022 il-perjodu ta' implimentazzjoni tat-tliet Fondi (jiġifieri l-AMIF, il-Fruntieri tal-ISF u l-Viża u l-Pulizija ISF) ġie estiż b'sena. Dan ippermetta lill-Istati Membri jkollhom aċċess għall-fondi disponibbli mhux minfuqa u jidderiġu malajr taħt il-programmi eżistenti lejn ħtiġijiet urġenti ta' migrazzjoni u ġestjoni tal-fruntieri li jirriżultaw mill-għadd kbir ta' persuni li qed jaħarbu mill-gwerra. Barra minn hekk, ġie miftiehem tisħiħ immirat ta' EUR 152 miljun mill-awtorità baġitarja u ntuża bħala parti mill-pakkett ta' assistenza ta' emerġenza ta' EUR 400 miljun biex jappoġġa l-aktar Stati Membri affettwati bi ħtiġijiet tal-ewwel akkoljenza marbuta mal-influss għoli ta' persuni spostati mill-Ukrajna. Fl-aħħar nett, fir-reviżjoni ta' nofs it-terminu tagħha tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) tal-20 ta' Ġunju 2023, il-Kummissjoni pproponiet li żżid ir-riżorsi għall-Intestatura 4 b'EUR 2 biljuni għall-2025-2027. Dawn ir-riżorsi addizzjonali huma meħtieġa biex jappoġġaw l-implimentazzjoni mill-Istati Membri tal-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil, ikomplu l-appoġġ strutturali lill-Istati Membri bi fruntiera esterna li jiffaċċjaw pressjoni eċċezzjonali, u jippreservaw risponsi effiċjenti u rapidi għal sitwazzjonijiet ta' kriżi u ta' emerġenza. Dawn jistgħu jintużaw ukoll biex jiġu indirizzati l-ħafna prijoritajiet fil-qasam tal-ażil, il-migrazzjoni u l-ġestjoni tal-fruntieri, inkluż l-akkoljenza ta' benefiċjarji ta' protezzjoni temporanja.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

L-Artikolu 1 jistabbilixxi l-estensjoni tal-protezzjoni temporanja b'sena (mill-4 ta' Marzu 2024 sat-3 ta' Marzu 2025) għall-persuni spostati msemmija fl-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2022/382.

L-Artikolu 2 jistabbilixxi d-data minn meta jenħtieġ li tapplika d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill, jgħifiri l-4 ta' Marzu 2024.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li testendi l-protezzjoni temporanja kif introdotta bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/382

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2001/55/KE tal-20 ta' Lulju 2001 dwar l-istandards minimi sabiex tingħata protezzjoni temporanja fl-eventwalità ta' influż bil-massa ta' persuni spostati u dwar il-miżuri li jippromwovu bilanċ fl-isforzi bejn l-Istati Membri meta jirċievu dawn il-persuni u li jgħorru l-konsegwenzi ta' dawn¹¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 4(2) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Id-Direttiva 2001/55/KE tistabbilixxi standards minimi sabiex tingħata protezzjoni temporanja fl-eventwalità ta' influż bil-massa ta' persuni spostati minn pajjiżi terzi li ma jkunux jistgħu jirritornaw lejn il-pajjiż tal-oriġini tagħhom u sabiex jiġi promoss bilanċ tal-isforzi bejn l-Istati Membri meta jirċievu u jgħorru l-konsegwenzi li jirċievu dawn il-persuni.
- (2) Fl-4 ta' Marzu 2022, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/382¹² li tistabbilixxi l-eżistenza ta' influż bil-massa ta' persuni spostati mill-Ukrajna fis-sens tal-Artikolu 5 tad-Direttiva 2001/55/KE li għandha l-effett li tintroduċi protezzjoni temporanja.
- (3) F'konformità mal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2001/55/KE, il-protezzjoni temporanja l-ewwel applikat għal perjodu inizjali ta' sena, sat-3 ta' Marzu 2023, u mbagħad ġiet estiża awtomatikament għal sena addizzjonali sat-3 ta' Marzu 2024.
- (4) Fil-kuntest tal-attivazzjoni tagħha, l-Istati Membri qablu li ma japplikawx l-Artikolu 11 tad-Direttiva 2001/55/KE fir-rigward ta' persuni li jgawdu minn protezzjoni temporanja fi Stat Membru partikolari f'konformità mad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill, u li jiċċaqilqu lejn Stat Membru ieħor mingħajr awtorizzazzjoni, sakemm fuq bażi bilaterali l-Istati Membri ma jaqblux mod ieħor.
- (5) Bħalissa hemm madwar 4,1 miljun persuna spostata li jibbenefikaw minn protezzjoni temporanja fl-Unjoni. Is-sitwazzjoni fl-Ukrajna ma tippermettix ir-ritorn tagħhom lejn l-Ukrajna f'kundizzjonijiet sikuri u dejjiema. L-organizzazzjoni Internazzjonali għall-Migrazzjoni tistma li, mill-25 ta' Mejju 2023, 5,1 miljun persuna huma spostati

¹¹ ĠU L 212, 7.8.2001, p.12.

¹² [Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill \(UE\) 2022/382 tal-4 ta' Marzu li tistabbilixxi l-eżistenza ta' influż bil-massa ta' persuni spostati mill-Ukrajna skont it-tifsira tal-Artikolu 5 tad-Direttiva 2001/55/KE, u li għandha l-effett li tintroduċi protezzjoni temporanja \(ĠU L 71, 4.3.2022, p. 1\).](#)

internament fl-Ukrajna. Aktar minn nofs il-persuni spostati internament kollha rrapportaw li ġew spostati għal sena jew aktar. Il-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti stima li aktar minn 5 miljun persuna huma spostati fl-Ukrajna u li aktar minn 17-il miljun persuna jeħtieġu assistenza umanitarja urġenti. F'Ġunju 2023, fid-dawl tas-sitwazzjoni kurrenti fl-Ukrajna, il-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Refuġjati tenna l-pożizzjoni tiegħu dwar ir-ritorn lejn l-Ukrajna, li appellat lill-Istati biex ma jirritornawx bil-forza nazzjonali u eks residenti abitwali tal-Ukrajna, inklużi dawk li kellhom it-talbiet tagħhom għall-ażil miċħuda.

- (6) L-għadd kumplessiv ta' reġistrazzjonijiet ta' persuni li jibbenefikaw minn protezzjoni temporanja baqa stabbli madwar 4,1 miljun, bi ftit persuni jirrapportaw li marru lura lejn l-Ukrajna fuq bażi permanenti. Barra minn hekk, ir-riskju ta' influż bil-massa futur u l-ispostament ta' aktar persuni li qed jaħarbu mill-Ukrajna lejn l-UE għadu jeżisti minħabba l-volatilità u l-inċertezza tas-sitwazzjoni fl-Ukrajna bħala riżultat tal-azzjonijiet ostili mir-Russja. Għadu għaddej għal qawwi f'haġna żoni. Għad hemm riskju ta' eskalazzjoni. Barra minn hekk, dan, flimkien mas-sitwazzjoni umanitarja diffiċli fl-Ukrajna, jista' jwassal għal żieda f'daqqa u ulterjuri fil-waslet fl-Unjoni li jistgħu jilħqu l-livell ta' influż bil-massa. Fl-istess waqt, xorta jkun hemm riskju għall-operat effiċjenti tas-sistemi nazzjonali tal-ażil li kieku l-protezzjoni temporanja waslet biex tieqaf u dawn il-persuni kollha jitolbu protezzjoni internazzjonali f'daqqa.
- (7) Peress li l-għadd kbir ta' persuni spostati fl-Unjoni li jibbenefikaw minn protezzjoni temporanja x'aktarx li ma jonqosx sakemm tkompli l-gwerra kontra l-Ukrajna, l-estensjoni tal-protezzjoni temporanja hija meħtieġa biex tiġi indirizzata s-sitwazzjoni ta' persuni li bħalissa qed jibbenefikaw minn protezzjoni temporanja fl-Unjoni jew li se jeħtieġu tali protezzjoni mill-4 ta' Marzu 2024, peress li tippredvi protezzjoni immedjata u aċċess għal sett armonizzat ta' drittijiet fil-waqt li tnaqqas il-formalitajiet għal minimu f'sitwazzjoni ta' influż bil-massa lejn l-Unjoni. L-estensjoni tal-protezzjoni temporanja se tgħin ukoll biex jiġi żgurat li s-sistemi tal-ażil tal-Istati Membri ma jkunux mgħobbija b'żieda sinifikanti fl-għadd ta' applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali li jistgħu jiġu ppreżentati minn persuni li jibbenefikaw minn protezzjoni temporanja sat-3 ta' Marzu 2024, li kieku l-protezzjoni temporanja kellha tieqaf sa dak iż-żmien jew minn persuni li qed jaħarbu mill-gwerra fl-Ukrajna li jaslu fl-Unjoni wara dik id-data u qabel l-4 ta' Marzu 2025.
- (8) Għalhekk, meta jitqies li r-raġunijiet għall-protezzjoni temporanja jippersistu, jenħtieġ li l-protezzjoni temporanja għall-kategoriji ta' persuni spostati msemmija fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/382 tiġi estiża sat-3 ta' Marzu 2025.
- (9) Din id-Deċiżjoni tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tħares il-prinċipji rikonnoxxuti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.
- (10) F'konformità mal-Artikolu 4 tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, l-Irlanda nnotifikat, permezz ta' ittra fil-11 ta' April 2003, ix-xewqa tagħha li tieħu sehem fl-adozzjoni u fl-applikazzjoni tad-Direttiva 2001/55/KE. Għalhekk l-Irlanda hija marbuta b'din id-Deċiżjoni.
- (11) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni u mhijiex marbuta biha jew suġġetta għall-applikazzjoni tagħha.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-protezzjoni temporanja mogħtija lill-persuni spostati mill-Ukrajna msemmija fl-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/382 hija estiża għal perjodu ta' sena kalendarja mill-4 ta' Marzu 2024.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandha tapplika mill-4 ta' Marzu 2024.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*